

32007L0005

8.2.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 35/11

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/5/KE**tas-7 ta' Frar 2007****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE sabiex tinkludi captan, folpet, formetanate u methiocarb bħala sustanzi attivi****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti ⁽¹⁾ għall-ħarsien tal-pjanti, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 ⁽²⁾ u (KE) Nru 703/2001 ⁽³⁾ jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tieni stadju tal-programm ta' xogħol imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u jstabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bil-għan ta' l-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista tinkludi captan, folpet, formetanate u methiocarb.
- (2) Għal dawn is-sustanzi attivi l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent ġew ivvalutati skond id-dispożizzjonijiet stipulati mir-Regolament (KE) Nru 451/2000 u (KE) Nru 703/2001 għal firxa ta' użi proposti min-notifikant. Barra minn hekk, dawn ir-Regolamenti jinnominaw lill-Istati Membri li jaġixxu bħala rapporteur li għandhom jippreżentaw ir-rapporti ta' valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (European Food Safety Authority — EFSA) skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 451/2000. Għal captan, folpet u formetanate, l-Istat Membru disenjat sabiex jirrapporta kien l-Italja u t-tagħrif rilevanti kollu kien ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2003 għall-captan u l-folpet u fit-13 ta' Lulju 2004 għall-formetanate. Għall-methiocarb l-Istat Membru inkarigat li jirrapporta kien ir-Renju Unit u kull tagħrif rilevanti kien ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2004.

- (3) Ir-rapporti ta' valutazzjoni kienu riveduti b'mod *inter pares* mill-Istati Membri u l-EFSA u ppreżentati lill-Kummissjoni fl-24 ta' April 2006 għall-captan, il-folpet u l-formetanate u fit-12 ta' Mejju 2006 għall-methiocarb fil-format tar-Rapporti Xjentifiċi ⁽⁴⁾ ta' l-EFSA. Dawn ir-rapporti ġew riveduti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali u ffinalizzati fid-29 ta' Settembru 2006 fil-format tar-rapporti ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-captan, il-folpet, il-formetanate u l-methiocarb.

- (4) Minn eżamijiet varji li saru deher li l-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-captan, il-folpet, il-formetanate u l-methiocarb jistgħu jintalbu li jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-użi li kienu eżaminati u ddettaljati fir-rapporti ta' reviżjoni tal-Kummissjoni. Huwa għalhekk xieraq li dawn is-sustanzi attivi jkunu inklużi fl-Anness I, sabiex ikun żgurat li fl-Istati Membri kollha l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi attivi jistgħu jingħataw skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

- (5) Mingħajr preġudizzju għal din il-konklużjoni, huwa xieraq li jinkiseb aktar tagħrif dwar ċerti punti speċifiċi li jikkonċernaw il-captan, il-folpet, il-formetanate u l-methiocarb. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/414/KE jistipula li l-inklużjoni ta' sustanza fl-Anness I tista' tiġi soġġetta għal kondizzjonijiet. Għalhekk huwa xieraq li jintalab li l-captan, il-folpet, il-formetanate u l-methiocarb ikunu soġġetti għal aktar ittestjar għall-konferma tal-valutazzjoni tar-riskju għal ċerti kwistjonijiet u li studji bħal dawn għandhom jiġu ppreżentati min-notifikanti.

⁽¹⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/136/KE (ĠU L 349, 12.12.2006, p. 42).

⁽²⁾ ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1044/2003 (ĠU L 151, 19.6.2003, p. 32).

⁽³⁾ ĠU L 98, 7.4.2001, p. 6.

⁽⁴⁾ Ir-Rapport Xjentifiku EFSA (2006) 71, 1-89, Konklużjoni dwar ir-reviżjoni *inter pares* tal-valutazzjoni dwar ir-riskju marbut mal-pestiċidi tas-sustanza attiva captan (iffinalizzat: 24 ta' April 2006) Ir-Rapport Xjentifiku EFSA (2006) 70, 1-78, Konklużjoni dwar ir-reviżjoni *inter pares* tal-valutazzjoni dwar ir-riskju marbut mal-pestiċidi tas-sustanza attiva folpet (iffinalizzat: 24 ta' April 2006) Ir-Rapport Xjentifiku EFSA (2006) 69, 1-78, Konklużjoni dwar ir-reviżjoni *inter pares* tal-valutazzjoni dwar ir-riskju marbut mal-pestiċidi tas-sustanza attiva formetanate (iffinalizzat: 24 ta' April 2006) Ir-Rapport Xjentifiku EFSA (2006) 79, 1-82, Konklużjonijiet dwar ir-reviżjoni *inter pares* tal-methiocarb (iffinalizzat: 12 ta' Mejju 2006).

- (6) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu ta' żmien raġonevoli qabel ma s-sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I sabiex l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkunu jistgħu jħejju ruħhom ħalli jissodisfaw r-rekwiżiti l-ġodda li se jirriżultaw mill-inklużjoni.
- (7) Mingħajr ħsara għall-obbligi ddefiniti mid-Direttiva 91/414/KEE bħala konsegwenza ta' l-inklużjoni tas-sustanzi attivi fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jin-għataw perjodu ta' sitt xhur wara l-inklużjoni biex jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet attwali ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-captan, il-folpet, il-formetanate u l-methiocarb sabiex jiżguraw li r-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fl-Artikolu 13 tagħha u l-kundizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Anness I, jiġu sodisfatti. L-Istati Membri għandhom ivarjaw, ibiddlu jew jirtiraw, kif xieraq, awtorizzazzjonijiet attwali, skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE. B'deroga mill-iskadenza stabbilita hawn fuq, għandu jiġi pprovdut perjodu itwal għall-preżentazzjoni u l-valutazzjoni tad-dossier komplut ta' l-Anness III ta' kull prodott għall-ħarsien tal-pjanti għal kull użu intenzjonat skond il-prinċipji uniformi stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE.
- (8) L-esperjenza miksba minn inklużjonijiet preċedenti fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE ta' sustanzi attivi vvalutati fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92 uriet li jistgħu jinqalgħu xi diffikultajiet fl-interpretazzjoni tad-dmirijiet tad-detenturi ta' l-awtorizzazzjonijiet eżistenti dwar l-aċċess għad-data. Għalhekk, sabiex jiġu evitati iżjed diffikultajiet, jidher li huwa meħtieġ li d-dmirijiet ta' l-Istati Membri jiġu ċċarati, speċjalment id-dmir li jivverifikaw li d-detentur ta' l-awtorizzazzjoni juri li l-aċċess għad-dossiers jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Anness II ta' dik id-Direttiva. Madankollu, din il-kjarifika ma timponi ebda obbligi ġodda fuq l-Istati Membri jew id-detenturi ta' l-awtorizzazzjonijiet meta mqabbla mad-direttivi li ġew adottati sa issa li jemendaw l-Anness I.
- (9) Huwa għalhekk xieraq li tkun emendata d-Direttiva 91/414/KEE skond dan.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2008 l-liġijiet, ir-regolamenti u

d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' April 2008.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din meta dawn jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri, fejn meħtieġ, skond id-Direttiva 91/414/KEE, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet attwali għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-captan, il-folpet, il-formetanate u l-methiocarb bħala sustanzi attivi sal-31 ta' Marzu 2008.

Sa din id-data huma għandhom b'mod partikolari jivverifikaw li jintlaħqu l-kondizzjonijiet fl-Anness I tad-Direttiva relatati mal-captan, il-folpet, il-formetanate u l-methiocarb, bl-eċċezzjoni ta' daww identifikati fil-parti B ta' l-annotazzjoni relatata ma' dik is-sustanza attiva, u li d-detentur ta' l-awtorizzazzjoni jkollu f'idejh, jew ikollu aċċess għal, dossier li jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Anness II ta' dik id-Direttiva skond il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva.

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-ħarsien tal-pjanti li fih il-captan, il-folpet, il-formetanate u l-methiocarb bħala jew l-unika sustanza attiva inkella bħala waħda minn diversi sustanzi attivi li kollha kemm huma ġew elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2007, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw mill-ġdid il-prodott skond il-prinċipji uniformi previsti fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' dossier li jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Anness III ta' din id-Direttiva u billi titqies il-parti B ta' l-annotazzjoni fl-Anness I għat-tali Direttiva dwar il-captan, il-folpet, il-formetanate u l-methiocarb rispettivament. Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, huma għandhom jiddeterminaw jekk il-prodott jissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara li jiddeterminaw dan, l-Istati Membri għandhom:

- (a) fil-każ ta' prodott li jkun fih il-captan, il-folpet, il-formetanate u l-methiocarb bħala l-unika sustanza attiva, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2011; jew
- (b) fil-każ ta' prodott li fih il-captan, il-folpet, il-formetanate u l-methiocarb bħala wieħed minn bosta sustanzi attivi, fejn hu meħtieġ, għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sat-30 ta' Settembru 2011 jew sad-data ffissata, għal tali emenda jew irtirar fid-Direttiva jew Direttivi rispettivi li kien żiedu s-sustanza jew is-sustanzi rilevanti fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, skond liema waħda minnhom tkun l-iktar reċenti.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2007.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membri tal-Kummissjoni

Din l-annotazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fl-aħħar tat-tabella fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KE.

Nru	L-isem Komuni, In-numri ta' Identifikazzjoni	L-isem IUPAC	Il-purità ⁽¹⁾	Id-dħul fis-seħħ	L-iskadenza ta' l-inklużjoni	Id-dispożizzjonijiet speċifiċi
"151	Captan Nru CAS 133-06-02 Nru CIPAC 40	N-(trichloromethylthio) cyclohex-4-ene-1,2-dicarboximide	≥ 910 g/kg Impuritajiet: Perchloromethyl-mercaptan (R005406): mhux aktar minn 5g/kg Folpet mhux aktar minn 10g/kg Carbon tetrachloride mhux aktar minn 0,01 g/kg.	l-1 ta' Ottubru 2007	it-30 ta' Settembru 2017	IL-PARTI A L-użi bħala fungicida biss jistgħu jkunu awtorizzati. IL-PARTI B Waqt il-valutazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-captan għall-użi għajr dawk tat-tadam, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(1)(b), u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull <i>data</i> jew informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi ta' l-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-captan u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali fid-29 ta' Settembru 2006. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-: — ħarsien ta' l-operaturi u l-ħaddiema. Kondizzjonijiet awtorizzati ta' użu għandhom jippreskrivu l-applikazzjoni tat-tagħmir protettiv personali tal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju adattati għat-tnaqqis ta' l-espożizzjoni; — espożizzjoni djetetika ta' konsumaturi fid-dawl ta' reviżjonijiet futuri ta' Livelli Massimi ta' Residwu; — ħarsien ta' l-ilma ta' taħt l-art taħt kondizzjonijiet vulnerabbli. Il-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' taffija tar-riskju u programmi ta' monitoraġġ għandhom jitmiedu fiż-żoni li huma vulnerabbli fejn dan huwa xieraq; — ħarsien ta' għasafar, mammiferi u organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' studji ulterjuri sabiex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskju li tifrex fuq medda twila ta' żmien għall-għasafar u l-mammiferi, kif ukoll għall-valutazzjoni tossikoloġika dwar il-metaboliti li potenzjalment jinsabu fl-ilma ta' taħt l-art taħt kondizzjonijiet vulnerabbli. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom il-captan ġie inkluż f'dan l-Anness jipprovdu tali studji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva."

Nru	L-isem Komuni, In-numri ta' Identifikazzjoni	L-isem IUPAC	Il-purità (¹)	Id-dħul fis-seħħ	L-iskadenza ta' l-inklużjoni	Id-dispożizzjonijiet speċifiċi
152	Folpet Nru CAS 133-07-3 Nru CIPAC 75	N-(trichloromethylthio) phthalimide	≥ 940 g/kg Impuritàjiet: Perchloromethyl-mercaptan (R005406): mhux iktar minn 3,5 g/kg Carbon tetrachloride mhux aktar minn 4 g/Kg.	l-1 ta' Ottubru 2007	it-30 ta' Settembru 2017	IL-PARTI A L-użi bħala fungicida biss jistgħu jkunu awtorizzati. IL-PARTI B Waq t il-valutazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-folpet għall-użi għajr dawk ta' trattament tal-qamħ tax-xitwa, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(1)(b), u għandhom jiż-guraw li tiġi pprovduta kull <i>data</i> jew informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi ta' l-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' valutazzjoni dwar il-folpet, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali fid-29 ta' Settembru 2006. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-: — sikurezza ta' l-operaturi u l-ħaddiema. Kondizzjonijiet awtorizzati ta' użu jridu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali adattat; — espożizzjoni djetetika ta' konsumaturi fid-dawl ta' revizzjonijiet futuri ta' Livelli Massimi ta' Residwu; — ħarsien ta' għasafar, mammiċeri u organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' studji ulterjuri sabiex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskju għal għasafar, mammiċeri u ħniex. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom il-folpen ġie inkluż f'dan l-Anness jipprovdut tali studji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Nru	L-isem Komuni, In-numri ta' Identifikazzjoni	L-isem IUPAC	Il-purità ⁽¹⁾	Id-dħul fis-seħħ	L-iskadenza ta' l-inklużjoni	Id-dispożizzjonijiet speċifiċi
153	Formetanate Nru CAS 23422-53-9 Nru CIPAC 697	3-dimethylaminomethyleneaminophenyl methylcarbamate	≥ 910 g/kg	l-1 ta' Ottubru 2007	it-30 ta' Settembru 2017	IL-PARTI A L-użi bħala insettiċidi u akariċidi biss jistgħu jiġu awtorizzati. IL-PARTI B Waqt il-valutazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-formetanate għall-użi għajr dawk fit-tadam ta' l-għelieqi u arbuxxelli ornamental, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-kriterji fl-Artikolu 4(1)(b), u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kwalunkwe <i>data</i> jew informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi ta' l-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-formetanate b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali fid-9-29 ta' Settembru 2006. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien ta' għasafar, mammiferi, antropodi mhux fil-mira u naħal u għandhom jiżguraw li l-kondizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri tat-taffija tar-riskju. — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għas-sikurezza ta' l-operaturi u jiżguraw li l-kondizzjonijiet ta' l-użu jippreskrivu tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq. — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal espożizzjoni djetetika ta' konsumaturi fid-dawl ta' reviżjonijiet futuri ta' Livelli Massimi ta' Residwu; L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' studji ulterjuri sabiex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskju għal għasafar, mammiferi u antropodi mhux fil-mira. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant li fuq talba tiegħu ġie inkluż il-formetanate f'dan l-Anness, jipprovi studji bħal dawn lill-Kummissjoni fi żmien sentenja mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Nru	L-isem Komuni, In-numri ta' Identifikazzjoni	L-isem IUPAC	Il-purità ⁽¹⁾	Id-dħul fis-seħħ	L-iskadenza ta' l-inklużjoni	Id-dispozzizzjonijiet speċifiċi
154	Methiocarb Nru CAS 2032-65-7 Nru CIPAC 165	4-methylthio-3,5-xylyl methylcarbamate	≥ 980 g/kg	l-1 ta' Ottubru 2007	it-30 ta' Settembru 2017	IL-PARTI A L- użi bħala repellent fit-trattament taż-żrieragħ, insettiċida u molluskiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. IL-PARTI B Wagt il-valutazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-methiocarb għall-użi għajr dawk ta' trattament taż-żrieragħ tal-qamħirrun, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(1)(b), u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull <i>data</i> jew informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi ta' l-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-methiocarb b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali fid-29 ta' Settembru 2006. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien ta' għasafar, mammiferi, u antropodi mhux fil-mira u għandhom jiżguraw li l-kondizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri tat-taffija tar-riskju. — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għas-sikurezza ta' l-operaturi u persuni preżenti u jiżguraw li l-kondizzjonijiet ta' l-użu jippreskrivu tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq. — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal espożizzjoni djetetika ta' konsumaturi fid-dawl ta' reviżjonijiet futuri ta' Livelli Massimi ta' Residwu. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' studji ulterjuri sabiex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskju għall-għasafar l-mammiferi u l-antropodi mhux fil-mira, kif ukoll kif ukoll sabiex jikkonfermaw il-valutazzjoni tossoloġika fuq metaboliti potenzjalment preżenti fl-uċuħ. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant li fuq talba tiegħu ġie inkluż il-methiocarb f'dan l-Anness, jipprovdidi studji bħal dawn lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva."

⁽¹⁾ Dettalji ulterjuri dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva huma pprovduti fir-rapport tar-reviżjoni.